C/2026/1459

31.3.2026

P10_TA(2025)0164

Emenda tar-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki tad-diliġenza dovuta tal-batteriji

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki tad-diliġenza dovuta tal-batteriji (COM(2025)0258 – C10-0089/2025 – 2025/0129(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2026/1459)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0258),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0089/2025),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2025 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (A10-0134/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

P10_TC1-COD(2025)0129

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki ta' diliġenza dovuta tal-batteriji

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2025/1561.)